MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1027/2005

Maria sive Mary Rose Vella
vs
Peter Paul Attard

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha ppremettiet:

Illi l-konvenut kien debitur versu l-attrici fl-ammont ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000) liema ammont kien gie misluf lilu brevi manu da parti tal-attrici u dana anke skond kif kien jidher f'zewg skritturi separati, kopja ta' liema gew prezentati mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok A u Dok B;

Illi fuq dan l-ammont kollu kellhom ukoll jiddekorru l-interessi legali liema interessi sa Novembru 2003 kienu diga jammontaw ghal elf tmien mija u sitta u tmenin lira

Maltin (Lm1,886). Dana oltre l-interessi kollha l-ohra li kienu gja saru dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

L-attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur versu l-attrici fl-ammont ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000) flimkien ma' l-interessi legali dovuti mid-data tas-self sad-data tal-effettiv pagament.

2. Konsegwentement tordna li l-konvenut ihallas l-ammont kollu hekk kif dovut lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici.

Semghet lill-attrici Maria sive Mary Rose Vella li qalet li b'riferenza ghal dak li hemm fic-citazzjoni u cioe` dwar is-self li ghamlet lill-konvenut fl-ammont ta' Lm9,000 ikkonfermat li mill-ammont kollu li hemm indikat, il-konvenut hallas biss zewg ammonti ta' Lm100 il-wiehed, u ghalhekk mis-somma dovuta thallsu Lm200 u ghalhekk flok Lm9,000 hemm Lm8,800 izda hemm diversi imghaxijiet dovuti skond kif hemm indikat fic-citazzjoni. Hlas iehor il-konvenut ma ghamilx.

Rat illi Dr. Joseph Grech ghall-attrici pprezenta nota ta' riduzzjoni li biha rriduca t-talba b'mitejn Liri Maltin (Lm200) filwaqt li zamm saldi u fermi l-pretensjonijiet taghha dwar l-interessi.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi baqa' kontumaci u anqas deher fis-seduta tal-lum.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk, peress li t-talbiet attrici jidhru gustifikati, u peress li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, il-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa debitur versu l-attrici fl-ammont ta' tmint elef u tmien mitt Liri Maltin (Lm8,800) flimkien ma' l-interessi legali dovuti mid-data tas-self sad-data tal-effettiv pagament, u konsegwentement tordna li l-konvenut ihallas l-ammont kollu hekk kif dovut lill-attrici.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------